**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Ajoub Sadik Ibrahim**

**Illum, 31 ta' Dicembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> "**Ajoub Sadik Ibrahim**, detentur tan-numru tal-Pulizija 19M-017,
>
> U nakkużah talli fil-31 ta' Dicembru 2019 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

> Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta).
>
> Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta)."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Ajoub Sadik Ibrahim rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artiklu 5 tal-Kap. 61 tal-liġijiet ta' Malta, l-Artiklu 189 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, u l-Artiklu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Ajoub Sadik Ibrahim** ħati u wara li qieset il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur